TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 400/10

**Nadia Azzopardi**
**vs**
**Alberto The Hair Studio**

Illum 28 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti prezz ta' straitghtning tax-xagħar li minkejja li sar dan il-proċess, kull darba li taħsel xagħra, xagħarha ma jiġix lixx.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba , iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet marret tagħmel *Japanese Straightning* għand l-intimat, pero' r-riżultat ma ħariġx tajjeb. Minkejja li reġgħet marret tagħmlu wara erba' xhur, ir-riżultat xorta reġa' ma ħariġx tajjeb.

L-intimat issottometta bil-miktub illi huwa uża prodott professjonali u li x-xogħol sar sewwa u kif suppost.

**It-Tribunal jinnota illi:**

L-intimat, debitament notifikat bid-data u l-ħin tas-smigħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta, minkejja li ssottometta risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' l-verżjoni tar-rikorrenti u kif ukoll ra r-ritratti, jinnota li r-rikorrenti għandha raġun stante li meta taħsel xagħarha ma jiġix lixx.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' mija u tmenin ewro (€180), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888